SAN LAWRENZ

Il-Minuti tar-raba' laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar it-Tlieta 15 ta' Mejju 2012 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Viċi-Sindku:* | Anthony Cassar |
| *Membri:* | Mikelina Mercieca<br>John Mercieca<br>Rose Vella |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

Sar qbil li ghandha ssir addendum ghal minuti tal-laqgha numru tnejn fi klawsola numru 3.0 billi ssir referenza ghal progett tal-Unjoni Ewropea that Mizura 313. Il-progett jammonta ghal €135,095 u jinkludi street furniture, fanali, plakek u tip ta' tisbih iehor li ghandu x'jaqsam mal-progett tal-pjazza u l-isqaqien.

## 3.0 Korrispondenza

3.1 Giet trattata l-korrispondenza minghand Ta' Cangura Folkgroup fejn ferhu lil Kunsill il-gdid u talbu sabiex jinhatar rapprezentant mill-Kunsill fil-Kumitat. Il-Kunsill qabel li ghandu jahtar lil kunsilliera Rose Vella u Mikelina Mercieca.

3.2 Giet trattata l-korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn talbu sabiex il-Kunsill jaghzel bejn zewg ghazliet dwar il-kuntratt mal-Water Service Corporation jekk ix-xoghol tal-asfaltar tal-kanali jsirx mill-kunsill lokali skond il-ftehim bejnil-WSC u l-AKL (Option A) jew jekk ix-xoghol tal-asfaltar tal-kanali jsir mill-WSC minghajr mal-kunsill lokali jhallas xi spejjez involuti (Option B) Il-Kunsill qabel li ghandu jaghzel Option B.

## 4.0 Update dwar il-progett tal-pjazza

4.1 Is-Sindku semma' li saru t-*trial holes* u rrizulta li ma tantx hemm fond u ghalhekk mhux suppost li jkun hemm problemi. Is-Sindku rrefera ghal-laqgha li huwa flimkien mas-Segretarja kellu mal-kuntrattur u mas-Sur Ruben Said minn Transport Malta dwar il-progett tas-service culvert fil-pjazza u kif jista jigi mmanigjat it-traffiku bl-inqas konvenjenza ghall-attivitajiet kollha tad-Dwejra u San Lawrenz.

4.2 Is-Sindku rrefera wkoll ghal fatt li l-appell inqata' favur il-kuntrattur Joe Grima. Sar qbil li f'dan ir-rigward ghandha tintbghatlu l-Letter of Acceptance.

## 5.0 Update dwar it-tender tal-isqaqien

5.1 Is-sindku semma li l-evalwazzjoni tat-tenders tal-isqaqien ghadha ghaddejjha u milli jidher ser ikun hemm problema ghax hadd mill-kuntratturi ma' huwa compliant mar-requirements mehtiega. F'dan ir-rigward ghandna qed nistennew parir mid-Dipartiment tal-Kuntratti dwar kif ghandna nipprocedu.

5.2 Il-Vici Sindku, Anthony Cassar talab sabiex jekk il-process jiehu hafna fit-tul hemm xi sqaq li qed izomm l-ilma fih biex naghmlulu xi tip ta' manutenzjoni. Il-Kunsill qabel li nistennew sa Settembru peress li bhalissa l-istagun tax-xita ghadu fil-boghod u jekk il-progett ikun ghadu ma nbediex ghandna naghmlu t-tiswija mehtiega.

## 6.0 Kumitat ta' evalwazzjoni ghall-offerta tal-hitan tas-sejjieh fi Triq Wied Merill

6.1 Is-Sindku rrefera ghall-offerta tar-restawr ta' hitan tas-sejjieh ta' Triq Wied Merill li harget ghat-tieni darba konsekuttiva. L-offerti mitfugha kienu dawn:-

| | |
|---|---|
| Gatt Tarmac Ltd ghall-prezz ta' | €13,092.75 |
| Dominic and Patrick Refalo ghall-prezz ta' | €14,490.00 |
| J. Portelli Projects ghall-prezz ta' | €13,996.70 |

6.2 Huwa semma li jinhtieg li jigi kompost bord sabiex jevalwa dawn l-offerti. Il-Kunsill qabel li l-Kumitat ikun kompost mill-Perita Ivana Farrugia bhala l-perita tal-progett, is-Sur Reno Grech, is-Sur Salvu Bonello, il-Perit Godwin Sultana, l-Inginier James Grima u s-Sur Kevin Sciberras. Il-Bord irid ikun kompost minn numru 'odd' ta membri, jigifieri tlieta jew hamsa. Sar qbil li ghandna nibghatulhom u naraw minn minnhom jaccetta.

## 7.0 Diskussjoni dwar il-konfini

7.1 Is-Sindku rrefera ghal-laqgha li huwa flimkien mas-segretarja kellu mas-Sindku u s-Segretarja tal-Kunsill Lokali Kercem fuq talba tal-Kunsill Lokali Kercem dwar il-konfini taz-zewg lokalitajiet u kif dawn jistghu jinbidlu. Is-Sindku semma li waqt din il-laqgha sar qbil li huma ghandhom jibghatu lilna l-proposta taghhom bil-miktub u mbaghad niddiskutuha waqt il-laqgha tal-Kunsill.

## 8.0 Htiega ta' tabelli ghad-Dwejra

8.1 Is-Sindku rrefera ghall-htiega ta' xi tabelli fid-Dwejra fosthom tliet tabelli 'Slippery' u wkoll wahda ta' Keep Clean f'passagg li qed jispicca vittma ta' hafna hmieg. Sar qbil li ghandu jitnaddaf dan il-passagg.

8.2 Is-Sindku semma' wkoll li kien hemm min talbu sabiex jigu ntrodotti mobile toilets fil-Qawra. Huwa semma li din it-talba giet diskussa kemm il-darba mill-Kunsill ta' qabel u dejjem irrizulta li l-art fil-Qawra hija privata u mhux la kemm tpoggi mobile toilets fiha. Minbarra hekk l-ispiza taghhom hija kbira u l-latrina fid-Dwejra mhix imbeghda.

## 9.0 Progett Eko Ghawdex - Underground Bring-in-sites

9.1 Giet trattata l-ittra minghand il-Ministeru ghal Ghawdex dwar il-progett Eko Ghawdex fejn talbu lil Kunsill jikkonferma jekk hux ser ikompli ghaddej bil-progett tieghu tal-underground bring-in-sites u l-ahhar claim tal-ispejjes trid issir sal-ahhar ta' Awissu.

9.2 F'dan il-kuntest is-Sindku hass li ma baqax zmien x'nitilfu u ghalhekk ghadda d-decizzjoni ghall-votazzjoni tal-Kunsilliera. Il-votazzjoni ghaddiet billi s-Sindku, l-Vici Sindku u l-kunsilliera Michelina Mercieca vvutaw favur, il-kunsilliera Rose Vella astjeniet u l-kunsillier John Mercieca vvota kontra.

9.3 Il-kunsilliera Rose Vella stqarret li hija astjeniet peress li xtaqet laqgha man-nies qabel biex tedukahom dwar il-progett.

9.4 Il-kunsillier John Mercieca stqarr li huwa kontra l-progett f'dak is-sit partikolari u mhux kontra l-progett innifsu. Huwa semma li xhin iltaqa' man-nies kien hemm hafna li huma kontra. Is-sinkdu gibidlu l-attenzjoni li fil-kompetenza tieghu ta' kunsillier ma jistax jiltaqa' man-nies u jiddiskuti progett jekk mhux bl-approvazzjoni tal-Kunsill.

9.5 Is-Sindku semma li dan huwa progett ekologiku, ta' tisbih u ta' edukazzjoni u ser jerfa r-responsabilita' kollha tieghu. Huwa ssugerixxa li l-progett ikun jinkludi CCTV u jigu wkoll ntrodotti multi ghal min jinqabad jabbuza minnhom.

## 10.0 Tenders taht il-progett PANACEA

10.1 Is-segretarja rreferiet ghal xi quotations li nhargu taht il-progett tal-Unjoni Ewropea PANACEA . Ghal quotations tal-courier u awditur intefghu offerta wahda biss u ghalhekk awtomatikament jikkwalifikaw ghas-servizz mitlub. Il-kwotazzjoni tat-transportation intefghet mill-Gozo Express ghall prezz ta' 6 euros + VAT ghal trasport bejn Malta u Ghawdex u ghall-prezz ta' 30.38 + VAT ghal kull trasport bejn Malta u Sqallija, filwaqt li tal-awdituri minghand Spiteri Bailey il-prezz mitlub huwa dak ta' 350 +VAT ghal kull audit li jesegwixxu.

10.2 Is-Segretarja semmiet wkoll li nhargu ghall-pubbliku l-offerti ta' project administrator u ta' marketing expert ghall-istess progett. Id-data tal-gheluq ta' dawn l-offerti hija nhar il-Gimgha 8 ta' Gunju f'nofsinhar.

## 11.0 Korsijiet ghal matul is-sajf

11.1 Is-Sindku rrefera ghat-talba li saret minn Brian Sultana li jmexxi s-Summer Fun Club fi hdan il-parrocca fejn propona lil Kunsill sabiex jissieheb mal-parrocca fl-organizzazzjoni ta' korsijiet fis-sajf fil-qasam ta' drama, musical theatre u ohrajn imtellgha minn persuni rinomati fix-xena tal-media f'Malta. L-estimi tal-ispiza ta' dawn il-korsijiet tintelgha ghal prezz ta' 550euros. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkollabora mal-parrocca fl-organizazzjoni ta' dawn il-korsijiet edukattivi.

11.2 Il-Vici Sindku Anthony Cassar propona li ghandna nitolbu lis-sezzjoni Eko Ghawdex fil-Ministeru ghal Ghawdex sabiex jisponsorjaw dawn il-korsijiet minn naha taghhom. Sar qbil li kemm il-darba ma ngibux l-isponsor imsemmi, il-Kunsill ghandu johrog 300 euro mill-ispiza.

11.3 Il-Vici Sindku propona wkoll kors ghall-adulti bhala beginners fil-kompjuter. Sar qbil li ghandna nistharrgu mat-TCTC dwar l-organizzazzjoni ta' dan il-kors f'San Lawrenz stess.

11.4 Il-Kunsilliera Rose Vella proponiet li waqt il-hargiet tal-anzjani ghandna nibdew ninserixxu xi talks edukattivi bhalma huwa dwar in-nutrition, il-problemi tad-diabetici possibilment imtellgha minn xi tabib. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u l-Vici Sindku rrefera ghat-talba li saret mill-Ispettur Simon Galea sabiex jaghmel talk lill-anzjani dwar is-sigurta' fi djarhom. Sar qbil li ghal l-ewwel harga tal-anzjani ghandna norganizzaw talk minn dawn imsemmija.

## 12.0 Materji ohra

12.1 Is-Sindku rrefera ghal diversi talbiet li qed ikollna sabiex fix-xhur tas-sajf inzidu fil-hinijiet tal-ftuh tac-Child Care Centre. Huwa rrefera wkoll ghall-ghajdut li qed jisma li c-Childcare Centre tal-Konservatorju ser jaghlaq ghax-xhur tas-sajf u ghalhekk huwa qed jara li l-attendenza tat-tfal fic-Childcare centre ser jizdied. Il-Kunsill qabel ghalhekk li ghandu jestendi l-hinijiet tal-ftuh ghal bejn is-7:45 u s-13:00 fix-xhar ta' Lulju u mbaghad naraw kif ikun sejjer l-andament tal-partecipazzjoni. Jekk id-domanda tat-tfal tkun eccessiva jkollna nimpjegaw childcarer ohra ghax-xhur tas-sajf.

12.2 Is-Sindku Anthony Formosa rrefera ghad-decizzjoni li kien ha l-Kunsill precedenti rigward il-process tal-Qorti li ghaddejjin minnu l-Kunsilliera tal-kunsill ta' qabel flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv. Huwa semma' li l-Kunsill kien iddecieda li l-ispejjes tal-avukat ghandhom jithallsu mill-Kunsill. F'dan l-istadju huwa propona li ghalkemm il-Kunsill inbidel dawn xorta wahda ghandhom jithallsu mill-Kunsill. Il-kunsilliera qablu ma dan.

12.3 Is-Segretarja rreferiet ghall-istima provduta minghand Joe Grima biex jaghmel xoghol ta' scarifying u livellar permezz ta' hot asphalt wara r-residenza ta' George Micallef peress li qed izomm hafna ilma. L-istima provduta hija dik ta' €1099.76 inkluz il-VAT u ma tinkludix l-hot asphalt li jinhtieg li jinxtara mal-hames tunnellati. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jitlob stima tal-hot asphalt u jipprocedi billi x-xoghol jaghmlu

Joe Grima u l-materjal jinxtara minghand min jitfa l-ahjar offerta.

12.4 Il-Vici Sindku Anthony Cassar talab sabiex issir pressjoni mal-Ministeru ghal Ghawdex sabiex isir patching lit-triq tal-Qasam.

12.5 Giet trattata l-istima dwar il-komunikazzjoni tal-waterculvert mal-gibjun ta' taht il-playing field. L-istima giet provduta minghand is-Sur Joe Grima ghal prezz ta' €1155 inkluz il-VAT. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lil kuntrattur sabiex jipprovdilu works method u kif ser isir l-iffinixjar tieghu. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob siteplan lil perit.

12.6 Sar qbil li ghandna niccekjaw mal-Inginiera tal-Enemalta rigward il-problema tad-dewmien tal-irrangar tal-lampi mahruq u jekk il-problema hija n-nuqqas ta' stock nistghux bhala Kunsill nixtru l-lampi ahna biex jithaffef ix-xoghol.

12.7 Giet trattata notice minghand il-MEPA li tittratta s-sospenzjoni tal-permess tal-latrina tad-Dwejra. Is-Sindku semma li min dak iz-zmien lil hawn id-direttorat tat-Turizmu fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex ghamel refurbishment tajjeb hafna lil din il-latrina u b'hekk ma hemmx il-htiega li din taqa u tinbena fil-prezent. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jirtira l-applikazzjoni.

12.8 Il-Kunsill irrefera ghas-success li qed ihallu l-hargiet ghall-anzjani u sar qbil li l-hargiet ghandhom jibdew jigu organizzati darba fix-xahar. Sar qbil li ghax-xahar ta' Gunju ghandha tigi organizzata harga ohra.

12.9 Il-Kunsill qabel ukoll li l-harga ta' f'Malta fuq il-hop-on hop-off ghandha tigi organizzata f'Ottubru/Novembru peress li f'Gunju tkun hafna shana.

12.10 Il-Kunsillier John Mercieca propona sabiex isir festival tal-kant fil-weekend ta' qabel il-gimgha tal-festa ta' San Lawrenz. Il-Kunsill qabel mal-proposta u li ghandu jinforma lil Kumitat tal-festa dwar dan.

12.11 Il-Kunsilliera Mikelina Mercieca gibdet l-attenzjoni dwar il-htiega ta' tisqija tal-qsari li jinsabu fi Triq id-Duluri.

12.12 Il-Vici Sindku Anthony Cassar propona li ghandna nikkuntatjaw lil dawk l-operaturi li qed jorganizzaw ikliet fil-miftuh fid-Dwejra sabiex possibilment ma jarmawx fejn qed jarmaw fil-prezent izda jarmaw fuq in-naha isfel. Huwa semma li dawn qed ikunu ta' ostaklu. Is-Sindku semma li trid tifhem li dawn l-attivitajiet huma ta' attrazzjoni ghat-turizmu pero nistghu nitkellmu maghhom dwar din il-possibilita'.

Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' filghaxija.

***Anthony Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Ezekuttiv***